MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 1169/2011

**Rita Cachia magħrufa bħala Rita Cachia Belli**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti twieldet fl-1 ta' Novembru 1963 bħala Rita Spiteri. Fl-14 ta' Novembru 1982 hija żżewġet lil Emanuel Cachia magħruf bħala Emanuel Cachia Belli. Kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ annessa u mmarkata bħala Dok RC 1. Minn dan iż-żwieġ twieled tifel wieħed biss illi ngħata l-isem ta' Pablo;

2. Illi, għalkemm il-familja kienet uffiċjalment iġġib il-kunjom Cachia, din dejjem kienet konsistentement magħrufa bħala Cachia Belli fis-soċjeta'. Minkejja dan, kunjom ir-raġel, skond kif muri fl-imsemmi atti att taż-Żwieġ huwa "Cachia" mentri fil-fatt huwa magħruf fis-soċjeta' bħala "Cachia Belli";

3. Il r-rikorrenti konsistement tiġi msejħa bil-kunjom "Cachia Belli" minflok bil-kunjom "Cachia" kif kien imniżżel fl-imsemmi Att taż-Żwieġ;

4. Illi, eventwalment, ir-raġel wettaq dawk il-proċeduri kollha neċessarji sabiex jibdel il-kunjom tiegħu sabiex legalment iġib ukoll dak ta' Cachia Belli (Kopja tad-dokument annessa u mmarkata Dok RC 2;

5. Illi, permezz ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Frar 2009 fl-ismijiet Pablo Cachia magħruf bħala Pablo Cachia Belli vs Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Cit Nru: 670/08 JA (kopja annessa u mmarkata bħala Dok RC3), il-Qrati ddeċidiet illi "Cachia Belli" huwa l-kunjom illi bih ir-rikorrenti Pablo Cachia Belli huwa konsistentement imsejjaħ, u allura, ordnat illi jiġi mdaħħal annotament, fl-Att tat-Twelid relattiv f'dan is-sens. Illi Pablo Cachia Belli huwa iben ir-rikorrenti odjerna Rita Cachia;

6. Illi l-proċeduri tal-annotamenti saret u iben ir-rikorrenti issa huwa uffiċjalment magħruf bħala Pablo Cachia Belli, u dan wkoll rifless fid-dokumenti uffiċjali tieghu. Kopja tal-karta tal-identita' ta' Pablo Cachia Belli hija annessa u mmarkata Dok RC 4;

7. Illi r-rikorrenti tixtieq li ssir reġistrazzjoni tal-kunjom illi l-istess rikorrenti, kif ukoll il-familja tagħha jużaw, ossia "Cachia Belli" peress li dan huwa l-kunjom tar-raġel u iben ir-rikorrenti, u wkoll peress illi dan huwa l-kunjom illi bih ir-rikorrenti stess hija magħrufa fis-soċjeta';

8. Illi għalhekk ir-rikorrenti umilment tissottometti li hemm lok li jkun hemm korrezzjoni u umilment

tipprevalixxi ruħha mill-provvediment *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kunjom "Cachia Belli" huwa l-kunjom illi bih ir-rikorrenti hija konsistentement imsejħa minflok bil-kunjom illi jidher fl-att taż-Żwieġ relattiv;

2. Tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini taċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrenti ma Emanuel Cachia Belli numru 2294/1982 li jindika illi wara ż-żwieġ hija tkun magħrufa bil-kunjom Cachia Belli;

3. Tordna illi l-bdil effetwat fl-att taż-żwieġ bir-reġistrazzjoni relattiva jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess attriċi jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat ili hu minn issa nġunt għas-subiżżjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, preżentata fl-20 ta' Jannar 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi in vena preliminari wkoll, l-esponent joġġezzjona għat-tieni talba tar-rikorrenti sakemm hija ma ġġibx provi a sodisfazzoni ta' din l-Onorabbli Qorti li fid-data taż-żwieġ tagħha kunjom żewġha kien Cachia Belli u dan *stante* li *prima facie* jirriżulta mill-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti li l-kunjom legali ta' żewġha huwa Cachia biss;

3. Illi suborinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, ir-rikorrent irid jindika l-Atti tal-Istat Ċivili l-oħra, jekk hu l-każ, li qed jitlob li jiġu korretti *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kapitolu 16;

4. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2012 il-kawża tħalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata billi ir-raġel tal-attriċi dejjem kien magruf bil-kunjom ***Cachia Belli*** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż. Madankollu l-eċċezzjoni rigward it-tielet talba hija ġustifikata peress li ma ġewx indikati l-atti li l-attriċi trid li jiġu korretti.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi kif dedotti, tiċħad it-tielet talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------